**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tad-disa u sebghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 31 ta'Mejju 2010 fis-7:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-7.10 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 78**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Torri tas-Semaforu:*** Il-Kunsillier A. Muscat informa li aktar kmieni llum, haddiema ta' l-Enemalta kienu gew sabiex jinstallaw il-*main* fit-torri izda sabiex ma jkunx hemm *cables* mal-faccata ta' dan il-bini storiku, kien gie deciz li l-*main* ghandu jigi nstallat gewwa l-*garage* fuq in-naha ta' wara. Sabiex isir dan kien mehtieg modifikazzjoni fis-sistema interna tad-dawl. L-Agent S.E. informa li l-*electrician* kien ipprovda stima ta' €224.20 sabiex issir din il-modifikazzjoni. Il-Kunsill unanimament approva li jsir ix-xoghol mehtieg kif ukoll accetta l-istima provduta.

**3.2** ***Para 3.2 – Kuntratt Gbir ta' l-Iskart:*** Is-Sindku nforma li l-*leaflets* kienu tqassmu kif approvat fl-ahhar laqgha. Huwa pprezenta l-istatistika tal-gbir ta' l-iskart minn Jannar 2010 sa issa u jidher li malli nbidel il-kuntrattur li jigbor l-iskart organiku, kien hemm tnaqqis fl-ammont ta' skart li ddahhal fil-mizbla. Rigward l-iskart separat jidher li l-ammont li qed jingarbar hu wiehed konsistenti u ma jidhirx li hemm varazzjonijiet kbar fuq medda ta' erba xhur. Il-Kunsill unanimament iddecieda li din l-istatistika ghandha tibqa tingabar fuq bazi regolari u ipprezentata kull xahar lill-Kunsill.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fit-7.40 p.m.***

**3.3** ***Para 3.3 – Devoluzzjoni Xelter:*** L-Agent S.E. informa li id-Dipt. ta' l-Artijiet

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

kien infurmana li partijiet mix-xelter li huma taht propjeta privata ma jistghux jigu devoluti. Il-Kunsill unanimament kien qabel ma din id-decizjoni u ghalhekk konna infurmajna lid-Dipt. li bhala Kunsill ahna interessati li niehdu d-devoluzzjoni tal-parti tax-xelter li hi taht propjeta' pubblika. L-Agent S.E. intalab sabiex ikompli jsegwi l-izviluppi.

3.4 ***Para 3.4 – Haddiema mal-Kunsill*****:** Il-Kunsill irreveda ix-xoghol imwettaq mit-3 haddiema *attached* mal-Kunsill. Filwaqt li gie innotat li f'dawn l-ahhar gimghat kien hemm progress, l-Agent S.E. inatalab sabiex ikompli jsegwi mill-qrib ix-xoghol ta' dawn il-haddiema.

3.5 ***Para 3.5 -- Rapport SEAP :*** Is-Sindku nforma li r-rapport kien tlesta fiz-zmien stipulat fil-kuntratt u kien intbaghat lill-UE. Kopja tar-rapport tpoggiet ukoll fuq il-*website* halli dan ikun accessibbli ghal kulhadd.

3.6 ***Para 3.6 – Ftehim Green MT :*** L-Agent S.E. informa li mill-ahhar laqgha ma kienx hemm zviluppi u kien ser ikompli isegwi halli l-ftehim jigi iffirmat kemm jista jkun malajr

3.7 ***Para 3.7 – Photovoltiac Tender :*** L-Agent S.E. informa li ghadu irid ikellem lill-ingineer sabiex jekk jista jkun il-panelli *photovoltiac* jigu installati issa.

3.8 ***Para 3.8 – Maintenance Agreement Lift*****:** L-Agent S.E. nforma li konna ghadna qed nistennew stima ghax-xoghlijiet li hemm bzonn li jsiru.

3.9 ***Para 3.9 – Skema Ta' Ghajnuna Finanzjarja Ghal Korsijiet Lifelong Learning:*** L-Agent S.E. informa li huwa flimkien mal-Kunsillier P. Fenech attendew laqgha dwar is-suggett. Il-Kunsill irid iressaq il-proposti tieghu sa nofs Lulju sabiex il-korsijiet jibdew f'Settembru/Ottubru. Kien hemm qbil unanimu li malli jkollna d-dettalji ezatti nikkonfermaw id-dati tal-korsijiet tal-kompjuter u ninfurmaw lid-Dipt. dwar dan. Sadanittant il-Kunsillier P. Fenech informa li konna qed nistennew id-dettalji dwar il-kors ta' l-arti li ser jigi organizzat flimkien mal-Art Club 2000 matul dan is-sajf.

3.10 ***Para 3.11 – Offerti*****: –** L-Agent S.E. informa li l-*hosting* tal-*website* irid isir mal-MITA. Gie unanimament deciz li ghandha tinhareg il-*Letter of Acceptance* lil *Creative Designs* u ninfurmawhom b'dan l-obbligu.

Rigward il-kuntratt tar-*refurbishment* tal-Latrina Pubblika, l-Agent S.E. u l-Kunsillier Michael Mifsud infurmaw lill-Kunsill li huma kienu sodisfatti bir-risposti li rcievew dwar il-kwalita' tal-materjal propost li ser jintuza kif ukoll kif ser jitwettqu x-xoghlijiet. Gie unanimament deciz li tinghazel l-offerta ta' Project Technik peress li din kienet l-aktar wahda vantaggjuza ghall-valur ta'€ 19,752.20, u l-Kunsill kien sodisfatt ukoll li dan il-kuntrattur ghandu l-esperjenza mehtiega sabiex iwettaq ix-xoghlijiet. Is-Sindku u l-Agent S.E. gew awtorizzati sabiex johorgu il-*Letter of Acceptance* u li jiffirmaw il-kuntratt f'isem il-Kunsill Lokali. Gie deciz ukoll li l-kuntrattur ghandu jigi infurmat li l-Kunsill ser japplika penali

ta' €200 ghal kull gurnata jekk ix-xoghlijiet ma jkunux lesti fiz-zmien stipulat.

Dwar il-fanali ghall-Pjazza, gie unanimament deciz li l-Kunsill jaghzel l-offerta ta' Calleja Ltd peress li l-fanali li offra li jbiegh (Offerta Nru 4) lill-Kunsill gew meqjuza bhala addattati hafna ghall-Pjazza tar-rahal u l-prezz taghhom ta' € 697.44 kull fanal kien wiehed vantaggjuz. Is-Sindku u l-Agent S.E. gew awtorizzati sabiex johorgu il-*Letter of Acceptance* u li jiffirmaw il-kuntratt f'isem il-Kunsill Lokali. Gie unanimament deciz ukoll li l-Kunsill jixtri 8 fanali ghall-Pjazza.

**3.11** ***Para 3.13 – Ghar San Brinkat*****:** Il-Kunsillier P. Fenech informa li l-laqgha ma l-arkeologu kienet giet posposta ghal data ohra minhabba l-maltemp.

**3.12** ***Para 3.17 – Double Yellow Line Triq San Gwann :***Il-Kunsillier M. Mifsud informa li kien ghadu jrid ikellem lir-residenti dwar il-kaz.

**3.13** ***Para 3.18 – Progett Pjazza tan-Naxxar :*** L-Agent S.E. informa li konna ergajna ktibna lill-Kunsill Lokali tan-Naxxar pero konna ghadna bla risposta. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li dan il-kaz ghandu jigi rreferut lil Transport Malta.

**3.14** ***Para 3.19 – Healing Service:*** L-Agent S.E. informa li huwa kien tkellem ma' l-organizzaturi u kien gie deciz li l-attivita ssir biss fil-parti ta' fuq ta' Triq San Bartilmew u li l-access ghat-traffiku fil-Pjazza u fi Triq San Gwann jibqa miftuh.

**3.15** ***Para 3.20 – Progett MTA :*** Is-Sindku spjega li aktar kmieni llum kienet saret laqgha bejn il-Kunsill u l-Ghaqda Astronomika Maltija dwar is-*Searchlight Battery*. Wara diskussjoni gie unanimament deciz li nitolbu li d-devoluzzjoni tinghata esklussivament lil Kunsill filwaqt li jkun hemm ftehim sabiex wara li jinhargu l-permessi necessarji mill-MEPA u jsiru x-xoghlijiet ta *refurbishment* tal-propjeta', parti mill-propjeta' tinkera lill-Ghaqda imsemmija.

Gie unanimament deciz ukoll li l-Kunsill jissuggerixxi li l-kmamar nru. 4 u 5 isiru Sala, kamra nru. 1 issir *strong room* ghall-Ghaqda, l-kmamar 2 u 3 jkunu ghall-uzu esklussiv tal-Kunsill filwaqt li t-*toilets* ghandhom ikunu f'kamra nru. 10 (pjanta tal-post tirreferi).

Rigward it-talba ta' l-Ghaqda Astronomika Maltija dwar il-possibilta' li huma jaghmlu uzu mill-ex-sptar tal-Ferha jekk ma jintlahaqx ftehim dwar is-*Searchlight Battery*, il-Kunsill unanimament qabel li ma ghandu l-ebda oggezzjoni. Il-Kunsillier P. Fenech bhala membru fl-Iscouts, liema ghaqda kienu ghamlu talba ghad-devoluzzjoni ta' l-ex Sptar tal-Ferha, ikkonferma li huma jaqblu ukoll ma din it-talba.

L-Agent S.E. intalab jinforma lill-Ghaqda Astronomika Maltija, lill-MTA u lid-Dipt ta' L-Artijiet b'dan kollu.

**3.16** ***Para 3.21 – Huggiega ta' San Gwann :*** L-Kunsillier P. Fenech ta dettalji dwar l-organizzazzjoni ta' din l-attivita li ser tinkludi l-partecipazzjoni ta' diversi

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

kantanti fosthom Marilena Gauci, l-Kor tat-Tfal, Farsa, l-Grupp ta Elaine Muscat kif ukoll wirjiet ta' snajja. Huwa qal li l-Pjazza u Triq l-Oratoru ghandhom jinghalqu ghat-traffiku filwaqt li ghandu jkun hemm prezenza ta' Pulizija / Gwardjani Lokali. Huwa qal ukoll li l-Kazin tal-Banda u l-Parrocca kienu ser jippartecipaw f'din l-attivita'. Gie unanimament deciz li programm dettaljat ta'din l-attivita' flimkien ma stima tal-infied jigu ipprezentati fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill.

**3.17** ***Para 5.1 – Zbir Sigra tat-Tin:*** Il-Kunsillier A. Muscat informa li llum kien sar parti miz-zbir ta' din is-sigra mill-ELC.

**3.18** ***Para 7.3 – Kuntratt Art fix-Xwieki:*** L-Agent S.E. informa li l-ittra lill-Kunsill Malti ghall-iSport kienet inkitbet kif approvat fl-ahhar laqgha u li konna gejna infurmati li din ser tingieb ghall-attenzjoni tal-Bord tal-Kunsill Malti ghall-iSport.

**3.19** ***Para 7.5 – Kors ta' l-Ghawm :*** L-Agent S.E. informa li konna kellimna lil genituri tat-tfal interessati u xi whud kienu nfurmawna li kien jiddependi mill-gurnata u l-hin jekk kienx ser ikollhom bzonn trasport jew le. Fic-cirkostanzi gie deciz li ghandha ssir laqgha bejn il-genituri u ufficcjali mis-Sirens ASC sabiex jigu stabbiliti d-dati u l-hinijiet u wara l-Kunsill ikun jista jiddeciedi dwar it-trasport.

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament.

## 5 Ilmenti u Suggerimenti

**5.1** Talba sabiex *Single Yellow Line* li hemm fi Triq Naxxar jinbidel *f'White Line*. Din it-talba ma gietx unanimament approvata peress li din il-bidla ma kienitx ser tibdel xejn mill-arrangament prezenti tat-traffiku.

**5.2** Talba minn kuntrattur sabiex il-Kunsill ma jinsistix li ghandu jkun hemm prezenti Gwardjan Lokali meta jkun qed isir xoghol bi crane fi Triq Mons. L. Catania (vicin il-Knisja).. Wara diskussjoni gie unanimament deciz li din it-talba tigi ikkunsidrata f'laqgha ohra wara li kull Kunsillier ikun irreveda l-arrangamenti li jirregolaw l-gheluq ta' toroq u l-presenza ta' Gwardjani Lokali.

**5.3** Ilment dwar applikazzjoni mal-MEPA sabiex isir zvilupp fi Triq San Gwann. Is-Sindku nforma li wara li konna kelliemna lill-MEPA irrizulta li parti minn dan l-izvilupp kienet qed tkun proposta li issir fuq art barra miz-zona tal-bini (ODZ). Dan minkejja li l-avviz li kien intbaghat lill-Kunsill mill-MEPA kienu jghid li l-izvilupp ser issir f'sit li hu fiz-zona ghall-bini. Giet unanimament ratifikata l-oggezzjoni li kienet inbaghatet mill-Kunsill lill-MEPA.

***Il-Kunsillier P. Fenech halla l-laqgha fl-9:50 p.m. minhabba mpenji ohra.***

## 6 Korrispondenza

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.2** Korrispondenza minghand Paragon rigward il-possibilita li studenti barranin jahdmu gewwa l-ufficcju tal-Kunsill ghal perjodu ta' 3 xhur matul is-sajf.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li jingiebu aktar dettalji.

**6.3** Korrispondenza minghand Mons. C. Cordina fejn irringrazzja lill-Kunsill ghall-ghajnuna fl-organizzazzjoni tal-Vgili tal-Pentekoste fir-rahal.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.4** Korrispondenza mill-Kap ta' l-Iskola Primarja tar-rahal fejn intalbet l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex jinkera *cherry picker* sabiex ikunu jistghu jitnaddfu l-ventilaturi ta' l-iskola.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Vici Sindku offra li jkellem lill-*College Principal* dwar dan il-kaz.

**6.5** Korrispondenza minghand l-AKLM fejn saret talba sabiex rapprezentant ta' Kunsilli Lokali li kienu lestew is-SEAP jirrapprezentaw lill-AKLM gewwa l-Italja f'attivita' bhala parti mill-programm HENCE.

Din il-korrispondenza giet innotata u s-Sindku nforma li konna nfurmajna lill-AKLM bl-interess taghna li nippartecipa. L-ispejjez kollha ser jithallsu mill-programm HENCE ta l-UE.

**6.6** Korrispondenza minghand agenzija li qed tiehu hsieb il-gbid ta' film f'Malta fejn intalab il-permess tal-Kunsill sabiex isir xi gbid minn dan il-film fuq il-Pont ta' Wied id-Dis.

L-Agent S.E. informa li l-agenzija kienet offriet donazzjoni ta' €50. It-talba ta' l-agenzija giet approvata unanimament.

**6.7** Korrispondenza minghand il-Kunsill Malti ghall-iSport tinfurmana li l-ittra taghna dwar kuntratt dwar art fix-Xwieki kienet ser tigi diskussa mill-Bord tal-KMS.

Din il-korrispondenza giet innotata

**6.8** Korrispondenza minghand il-Pulizija tan-Naxxar fejn gew stabbiliti xi kundizzjonijiet rigward il-*Healing Service* li ser isir gewwa r-rahal.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Agent S.E. informa li qed jistenna risposta dwar jekk il-prezenza tal-Gwardjani Lokali kienitx bizzejjed (skond kif qalu l-

Pulizija) jew jekk kienx hemm bzonn ukoll il-presenza tal-Pulizija.

**6.9** Korrispondenza dwar Konferenza dwar l-Abbuz fuql-Anzjani li ser issir fil-15 ta' Gunju.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Kunsillier A. Muscat informa li kien ser jattendi.

**6.10** Korrispondenza minghand it-Transport Malta [TM] dwar talba ghal *Reserved Parking* fi Triq il-Mithna.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Agent S.E. intalab sabiex isegwi l-procedura tal-Kunsill u jimla d-dettalji mitluba fl-applikazzjoni. Gie unanimament approvat li ninfurmaw lill-TM li l-access ghat-traffiku ma ghandux jigi ostakolat.

**6.11** Korrispondenza minghand Transport Malta [TM] fejn giet milqugha t-talba tal-Kunsill sabiex issir *Zebra Crossing* fi Triq Caravaggio.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li jigu ordnati t-tabelli u z-zebgha necessarja minghand il-Koptasin filwaqt li l-bankini jigu modifikati bil-*drop kerb*.

**6.12** Korrispondenza minghand Transport Malta [TM] fejn giet milqugha t-talba tal-Kunsill sabiex isiru *Traffic Humps* u tabelli li jirrestringu l-access ghal vetturi kbar fi Triq Santa Katerina.

Din il-korrispondenza giet innotata. Gie unanimament approvat li jigu ordnati t-tabelli necessarji minghand il-Koptasin u ghandhom jingiebu l-offerti ghat-*Traffic Humps*.

**6.13** Korrispondenza minghand Transport Malta [TM] fejn gejna infurmati li t-talba tal-Kunsill sabiex issir *Yellow Grid* fil-*Birguma Bypass* sabiex jigi iffacilitat il-hrug ta' vetturi mir-rahal lejn l-istess *Bypass* ma kienitx giet approvata.

Din il-korrispondenza giet innotata.

## 7 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**7.1** Gie ipprezentat l-*Annual Administrativ Report* ghas-sena 2009. Wara spjega mis-Sindku dan gie approvat unanimament.

**7.2** Gie ipprezentat il-*Purchases Journal* mill-1 ta; Jannar 2010 sa llum. Wara spjega mis-Sindku dan gie approvat unanimament.

**7.3** Rigward Jum il-Gharghur 2010, gie unanimament deciz li l-attivita' ta' l-Anzjani tinzamm fit-13 ta' Lulju filwaqt li dik ghat-Tfal issir fl-14 ta' Lulju. Il-Vici Sindku ser jiehu hsieb l-attivita' tat-tfal filwaqt li l-Kunsillier A. Muscat ser jiehu hsieb dik ta' l-anzjani. Aktar dettalji jinghataw fil-laqgha li jmiss.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

Gie unanimament deciz li l-Kunsill jikri minghand il-Parrocca l-bitha ta' ma genb is-Sala Parrokkjali sabiex fiha tigi organizzata serata muzikali fis-16 ta Lulju kif ukoll arbli halli maghhom jintramaw l-bandalori bl-arma tar-rahal. L-armar tal-bar waqt is-serata muzikali ser jigi l-ewwel offrut lill-Kumitat Festa.

**7.4** Is-Sindku spjega li sid is-sit fi Triq Caravaggio kien infurmana li kien ser jibda jizviluppa l-art sa l-ahhar ta' Lulju u ghalhekk talab sabiex ghalissa jigi pospost li bini tal-hajt ta' protezzjoni li konna tlabnieh jibni peress li l-art ma kienitx zviluppata. Kien gie ikkonfermat li l-MEPA diga harget permess ghal zvilupp fuq is-sit. Gie unanimament deciz li nitolbu li jitnaddaf is-sit u li nilqghu t-talba tas-sid. Jekk l-izvilupp ma jinbediex sa l-ahhar ta' Lulju l-hajt ghandu jinbena minnufih. Is-sid ghandu jigi nfurmat b'din id-decizjoni bil-miktub.

## 8 Aggornament

**8.1** Il-laqgha giet aggornata fl-10:30 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie unanimament deciz li laqgha ohra ssir nhar it-Tlieta 15 ta' Gunju 2010 fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **15 ta' Gunju 2010** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |